# Pajjiż tal-Qaddisin – eżempji mill-Bolli Maltin

*Antoine Vassallo*

Daż-żmien huma bosta dawk li, flok jiġbru l-bolli kollha ta' pajjiż, jagħżlu li jfittxu suġġetti partikulari; fost it-tematiċi l-iktar popolari hemm dik reliġjuża.

Matul is-snin, il-posta Maltija ppreżentat numru mdaqqas ta' qaddisin (żgur 'il fuq minn ħamsin). L-intenzjoni f'din is-sensiela hi li noffru lista alfabetika; sintendi, kieku kellna nġibu kull bolla, intawlu wisq: pereżempju, San Pawl jidher f'xi żewġ tużżani!

## Sant'Agata




Ftit hu magħruf fiċ-ċert dwar dil-martri, iżda l-qima lejha xterdet kmieni minn Katanja (fejn hi patruna, anki minħabba l-ħarsien li dejjem sabu fiha kontra t-theddid tal-vulkan fuq il-muntanja Etna); anki r-repubblika ta' San Marino, kif ukoll il-pompieri, jgħodduha bħala protettriċi.

Mis-seklu sitta nsibuha fil-liturġija ta' Ruma u isimha qiegħed fl-ewwel Talba Ewkaristika. Fl-Uffizzju hemm din l-Antifona: "Hi u sejra l-ħabs, Agata kienet ferħana bħal waħda li kellha l-ġieħ tkun mistiedna għall-festa tat-tieġ u bit-talb irrikkmandat il-martrju tagħha lill-Mulej". Gawdiet minn devozzjoni kbira f'pajjiżna: it-tradizzjoni tgħidilna li l-Imdina nħelset minn ħbit tat-Torok grazzi għat-talb tagħha.

It-tifkira tagħha fil-5 ta' Frar tiġi ċċelebrata mill-MSSP bħala solennità. L-isem ġej mill-Grieg: *agathè*, kelma li tfisser *tajba*. Jeżistu tliet qaddisin oħra, martri iktar moderni, imsemmija għaliha.

Din l-istatwa dehret f'sett artistiku tal-2004, ippreparat minn Joseph Casha. Possibbli li hi xogħol ta' Antonello Gagini, skultur Sqalli li miet fl-1536 – tinsab fil-knisja r-Rabat iddedikata, appuntu, lil Sant'Agata. Fl-1965 il-posta Maltija kienet ħarġet bolla tal-lira bit-tliet patruni: Sant'Agata, San Pawl u San Publiju.

## Sant'Antnin ta' Padova




Din il-knisja ddedikata lil Sant'Antnin f'Għajnsielem – jew, aħjar, fl-Imġarr – kienet f'sett ta' pitturi minn barranin li żaruna maħruġ fl-2012; din partikulari hi ta' H.M. Bateman li għex l-aħħar snin ta' ħajtu fl-inħawi.

Imwieled Lisbona, Fernandu beda l-ħajja reliġjuża tiegħu bħala Agostinjan. Tħajjar mill-erojiżmu ta' xi missjunarji martri fil-Marokk: sar Franġiskan bil-ħsieb li jmur jevanġelizza l-Misilmin. Spiċċa f'Assisi, fejn iltaqa' ma' San Franġisk li għamlu edukatur ewlieni fl-Ordni tiegħu. Patri Antonju kien ta' karattru qawwi imma b'ħakma fuqu nnifsu – u iebes ma' min jagħmel ħsara lill-kawża tal-Vanġelu. Kien mgħallem fit-teoloġija, sar predikatur mill-aqwa, riformatur li ħabrek għat-tiġdid spiritwali tal-Knisja, kittieb kontra l-ereżija u difensur qalbieni tal-fqar li kienu jħobbuh b'imħabba kbira.

Dan id-Duttur tal-Knisja miet fit-13 ta' Ġunju 1231 u għalhekk din hi d-data tat-tifkira liturġika. Jitolbuh ħafna fil-każ ta' oġġetti mitlufa u anki għal kontra l-faqar; jgħodduh bħala protettur tal-orfni u tal-priġunieri. Tant hu popolari li l-bażilka tiegħu f'Padova hi sempliċement "*del Santo*"; art twelidu, il-Portugall, "tikkapparrah" billi tirreferi għalih bħala "ta' Lisbona" flok "ta' Padova".

## Sant'Anton Abbati




Dan il-qaddis, magħruf fost l-Insara kollha, twieled ġo familja nobbli tal-Eġittu fis-seklu tlieta u miet fqajjar – raheb tad-deżert – maħbub minn bosta wlied spiritwali. Wara li qassam ġidu lill-fqar, ħarab lejn id-deżert jitlob u jagħmel penitenza; żgħażagħ oħra ngħaqdu miegħu u hekk bdiet it-tradizzjoni monastika tal-Knisja. Sant'Anton tħabat kontra l-eretiċi u bl-eżempju tiegħu għallem li t-tiġrib tax-xitan, li jħabbatna daqs animal feroċi, nistgħu negħlbuh bil-qawwa tal-Ispirtu ta' Kristu.

Fl-ikonografija ta' spiss narawh imdawwar mill-annimali, speċjalment il-majjal – u nafuh bħala "tal-ħanżira"! L-isem ġej mill-Grieg u jirreferi għall-kuraġġ quddiem l-avversarji. Miet fis-17 ta' Jannar 356 (tradizzjonalment, wara li għalaq il-mija) – u nfakkruh fil-liturġija f'did-data.

Din il-pittura ta' Mattia Preti kienet inkluża fis-sett għall-Milied 1998. Il-kummissjoni kienet għall-kappella mal-kastell mibni mill-Granmastru Verdalle fil-Buskett. Jagħtu qima lill-Madonna u Binha, tpoġġew żewġ qaddisin mill-"popolari" mal-Ordni: il-Battista u Sant'Anton.

## San Bażilju




Dan l-isem għandu għerq Grieg b'konnessjoni ma' "re". Huma bosta l-"Bażilji" iżda hawn qed nirreferu għal Bażilju l-Kbir, Isqof u Duttur tal-Knisja, li jitfakkar liturġikament fit-2 ta' Jannar – flimkien ma' San Girgor Nazjanzenu.

Imwielda t-tnejn minn familji Nsara tal-Kappadoċja, il-Providenza riedet li flimkien ikunu rhieb u li jaqdu l-Knisja f'ministeru wieħed ta' tagħlim fuq il-persuna ta' Kristu. Wara snin ta' ħajja monastika, San Bażilju ntgħażel isqof ta' Ċesarija, sabiex iħares l-Insara tal-Palestina mill-eretiċi Arjani li ċaħdu d-divinità ta' Ġesù. Miet fl-ewwel jum tas-sena 379 – u hekk jiċċelebrawh l-Ortodossi.

Dil-knisja ċkejkna fl-Imqabba ddedikata lilu, tagħmel parti minn sett ta' kappelel impitter minn Renè Sacco, maħruġ fl-2004. Il-kappella jidher li kienet ġà teżisti fi tmiem is-seklu ħmistax iżda m'hux magħruf kif waslet fostna id-devozzjoni lejn dal-qaddis. Il-kwadru titulari sar fl-1677.

(*Gozo Philatelic Society* secretary@stamps-gozo.org *bl-għajnuna ta' Mons Ġużeppi Farrugia)*

**Grazzi wkoll lil dawn il-Benefatturi tal-*FARAĠ*:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Valletta:** | D. Mifsud | **Rabat:** | A. Borg; R. Sammut |
| **Għargħur:** | H. Camilleri | **Siġġiewi:** | Għotjiet minn diversi qarrejja lil Carmen Mifsud |
| **Mġarr:** | R. Muscat | **Tarxien:** | C. Xuereb |

*Min jixtieq jibgħat donazzjoni, jista' jibgħatha:* **FARAĠ, Kummissjoni Ħidma għall-Morda u Persuni b'Diżabilità, Azzjoni Kattolika Maltija, Istitut Kattoliku, Floriana FRN 1441.**